# Il-Fided tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu

**Emmanuel Magro Conti**

Kif rajna is-sena l-oħra, il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, imwaqqfa ġewwa l-knisja tal-patrijiet Karmelitani tal-Belt Valletta fit-22 ta' Frar 1622, għandha ammont sostanzjali ta' fided li jżejnu l-artal tal-Kurċifiss magħruf bħala ta' Sant' Anjeże. Għidna wkoll, li jekk Alla jrid għal din is-sena, nitkellmu fuq opri tal-fidda oħrajn li għandha din il-fratellanza hekk antika li fortunatament għadha attiva taħt it-tmexxija tar-Rettur Dr Mark Agius.

Bħalma għamilna s-sena l-oħra, se nibda mill-aktar oġġett antik tal-fidda. Il-Fratellanza għandha sfera li fiha jiġi espost is-Santissimu Sagrament li b'sorpriża, nista' ngħid, hija tas-seklu sbatax, bi stil prelevanti ta' nofs dan is-seklu. Oġġett antik daqshekk fil-fidda ma ssibx bi kwantità fil-parroċċi u knejjes oħra, aħseb u ara għand fratellanza. Din l-isfera m'għandhiex marki ċari imma l-istil u l-fattura hemm qegħdin u għalhekk din l-isfera hija l-aktar biċċa fidda antika li tippossedi din il-fratellanza. Hija pjuttost sempliċi, għajr dekorazzjonijiet balzati ħafif ħafif madwar iċ-ċrieki tal-kristalli minn fejn jidher is-Santissimu Sagrament u żewġ putti taħt ir-raġġiera, kemm quddiem u kemm fuq wara ta' l-isfera bla ħafna dekorazzjonijiet li soltu naraw fi sferi tas-seklu sbatax. Aktarx fis-seklu dsatax jew fil-bidu tas-seklu għoxrin, żdiditilha kuruna fuq ir-raġġi.

Ma jidhirx li għandha marki imma hija tal-fidda. Din il-kuruna saret biex forsi l-isfera tidher akbar u fil-proċess tneħħew xi stilel u kwiekeb fejn ġiet il-kuruna li jidhru li huma tad-deheb fuq ir-raġġi dritti u serpenti sempliċi għajr linji inċiżi fuqhom. Kien intervent mhux f'postu xejn li ħassar xi ftit l-oriġinalità u l-arja sempliċi tagħha imma grazzjuża fl-istess ħin ta' din l-isfera. B'mod devot ġew miżjuda xi ħaġar prezzjuż madwar il-kristalla ta' quddiem (erba' minnhom sfortunatament nieqsa) u oħrajn ta' imitazzjoni fuq il-kuruna.





Ħaġa sabiħa fil-poplu Malti hija l-fidi u l-ħerqa ta' bosta minnha li wara xi għawġ li bl-interċessjoni tal-Madonna jew il-Mulej inkunu għaddejna minnu, noffru xi ħaġa lil xi knisja, santwarju eċċ. li permezz tagħha nuru l-grazzja li qlajna u l-imħabba tad-Divin għalina fuq din l-art. Hafna drabi, din it-turija tal-fidi kienet tieħu l-forma ta' immaġini impittra, hekk imsejħa ex-voto tabella li kienet turi ix-xena tal-miraklu jew tal-għajnuna divina. Drabi oħra, speċjalment in-nisa, kienu jagħtu d-deheb favorit tagħhom. Oħrajn, ammont ta' xemgħa. Jidher li x'aktarx, fratell ta' din il-konfraternità, offra biċċa fidda domestika għall-użu fuq l-artali tal-fratellanza bħala Lava Dita b'ringrazzjament għal xi grazzja li kien qalgħa jew, jista' jkun il-każ ukoll, b'sempliċi żelu u mħabba lejn il-fratellanza. Din il- biċċa fidda domestika oriġinarjament kienet zukkariera tal-fidda li fortunatament għadha intatta, li permezz tad-daqs, l-għamla grazzjuża tagħha u tal-marka tal-assay li hemm fuqha, nafu li saret fl-ewwel terz tas-seklu tmintax jew fi żmien il-Gran Mastru Ramon Perellos Y Roccaful (1697-1720) jew fi żmien il-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena (1722-1736). Il-marka tal-arġentier ma tidhirx. Fuqha nsibu din l-iskrizzjoni:



**Dono di F. Gatt 1877**

Wieħed ma jridx jinsa li z-zokkor fi żmien is-seklu tmintax kien xi ħaġa tas-sinjuri, l-użu tiegħu mal-kafè kien meqjus ukoll u għalhekk il-forma żgħira ta' zukkarieri bħal din f'dan il-perjodu. F'nofs is-seklu dsatax, meta dan F. Gatt offra din il-biċċa fidda, sa ma naraw illum il-ġurnata, din it-tip ta' fidda domestika hija miżmuma b'ċertu għożża u meqjusa bħala wirt kbir fost il-familji. Kienet diġà meqjusa bħala antikità tajba u ta' valur meta ġiet mogħtija. F'dak iż-żmien, aktar mil-lum il-ġurnata, kienu jifhmu u japprezzaw aktar milli naħsbu aħna. Għalhekk l-għoti ta' dan l-eżemplari bilfors li kien ġej b'fidi kbira b'tali mod li ċ-ċaħda minnha kienet ekwivalenti għat-telf li kien sejjer iġarrab dan F. Gatt fil-ħajja.

Il-fratellanza jidher li ma kellhiex xi għadd kbir ta' relikwi, biss il-ftit li hemm, huma ta' interess kbir. Teka li fiha ħames relikwi assoċjati mal-ħajja tal-Madonna u binha Ġesù, tidher li kienet ferm għażiża għall-membri ta' din il-fratellanza. Waħda minn dawn ir-relikwi hija parti żgħira mill-Velu tal-Madonna. Fuq wara ta' dan tar-relikwarju, imdawra b'girlanda ta' rand eċċ., insibu skrizzjoni, kollox żbalzat, li tgħid hekk:

**EX VELO**
**B.M.V.**
**QUO INVOLVT**
**PVERVM IESU FILIUM EIUS**
**1725**





Bil-Malti din l-iskrizzjoni tfakkar li l-Madonna kienet geżwret lil binha Ġesù (tarbija) f'dan il-velu. Għajr li ma jidhrux marki, stilistikament, dan ir-relikwarju huwa xogħol Malti tal-bidu tas-seklu tmintax u fortunatament huwa wkoll datat fl-għeluq ta' din l-iskrizzjoni permezz tad-data ta' meta sar, ukoll żbalzata li turina s-sena 1725.




Skrizzjoni oħra fuq wara ta' dan ir-relikwarju, taħt din ta' hawn fuq, din id-darba inċiża, turi min ħallas għal din l-opra li ma kinitx għajr il-konfraternità stess:

**OPUS SVMPTIBVS CONFRA TERNITATIS B.M.V. MON CARMELI CIVIT VALLE:**

Ix-xogħol dekorattiv fuq dan ir-relikwarju huwa kollu żbalzat b'għadd ta' weraq u putti li jiddominaw id-dehra ġenerali speċjalment żewġ anġli li qegħdin iżommu il-gwarniċ tar-rand magħqud b'żigarelli li fih hemm it-teka bir-relikwiji. Id-dekorazzjoni tintemm b'tużell forma ta' kuruna sermontat b'salib. Jidher li l-manku, bi stil pjuttost differenti mill-pedestall u mill-imrewħa li fiha hemm it-teka, kien tbiddel possibilment minħabba ħsarat fis-seklu dsatax. Dan ir-relikwarju kien u għadu jintuża għad-devozzjonijiet Marjani ta' din il-fratellanza.



Relikwarju importanti ieħor huwa dak tal-*Vero Ligno.* Jidher stramb kif din il-fratellanza għadha fil-pussess tagħha *Vero Ligno,* imma xejn minn dan, għax wieħed irid jiftakar li din il-fratellanza hija mwaqqfa fuq l-artal tal- Kurċifiss magħruf bħala ta' Sant' Anjeże. Għalhekk dan il-*Vero Ligno* kien jintuża possibilment fil-festi assoċjati mal-festi tal-Kurċifiss Imqaddes li

kienu jsiru fuq dan l-artal. Ir-relikwarju tal-*Vero Ligno* għandu s-solitu forma ta' salib imma għandu element xejn tas-soltu peress li fuq nett tal-manku, għandu relikwija oħra, dik ta 'biċċa mill-kolonna li magħha Ġesù ġie marbut biex jiġi fflaġellat. Il-biċċiet żgħar mis-salib li fuqu ġie msallab Sidna Ġesù Kristu, il-*Vero Ligno* proprju, huma magħluqa ġewwa speċi ta' kristall li jissejjaħ *cristallo di rocca,* formazzjoni naturali pjuttost trasparenti qisha silġ li sa minn żmien ir-Rumani sal-bidu tas-seklu dsatax, kien meqjus bħala xi ħaġa rikka. Dan il-*cristallo di rocca* jista' jiġi skulturat jew imnaqqax kif kien hemm bżonn. L-akbar użu tiegħu kien f'xogħol żgħir bħal dan peress li ma jinstabx b'forma kbira fl-istat originali tiegħu. L-artist, li b'possibilità kbira kien Taljan ħadem dan il-materjal b'forma ta' salib li jifforma it-teka proprju tar-relikwija. Arġentier Malti ħadem il-finimenti żgħar tal-filigranu li żejnu din it-teka kollha kemm hi tal-*cristallo di rocca* li wara ġie mqiegħed ġewwa dan ir-relikwarju tal-fidda. Dan il-*Vero Ligno* għadu intatt bla ħsarat ta xejn. Stilistikament huwa barokk, bi spirazzjoni zgħira tar-Rokkoko ristrett ferm speċjalment fil-finementi tal-idejn tas-salib u madwar il-gwarniċ tar-relikwija tal-kolonna li hija wkoll magħluqa bil-*cristallo di rocca*. Huwa mmarkat bil-marka tal-konslu tal-arġentiera ta' Malta ta' żmien il-Gran Mastru Emmanuel Maria de Rohan (1775-1797), b-**R** b'kuruna fuqha li turi il-finezza tal-fidda *ala Romana* ta' 11-il *denier* u il-marka ta' l-arġentier possibilment dik ta Michele Angelo Farrugia li kien ħa l-liċenżja ta' arġentier fl-1781.

Kaxxa tonda żgħira, li bil-Malti ġeneralment tissejjaħ kaxxa tal-ostji, hija sempliċi għall-aħħar. Il-manku tal-għatu, li jinfetaħ 'il barra huwa b'forma ta' globu sermontat minn salib li dawn tal-aħħar huma maħsula bid-deheb u li jidher li huma xoghol aktar tardiv li biddlu dawk oriġinali. Normalment kaxxa bħal din setgħet tintuża għal żewg skopi. L-ewwel bħala tagħmir fuq il-bankun tas-sagristija, ġeneralment pjuttost akbar minn dan l-eżemplari. Il-qassis jew patri li kien ser iqaddes kien jieħu ostja minnha, sintendi mhux ikkonsagrata u jpoggiha fil-patena ta' fuq il-kalċi tiegħu qabel ma joħrog iqaddes. L-użu l-ieħor kien dak li sservi ta'



kustodja għas-Santissimu Sagrament bil-qamar tad-deheb b'kollox wara xi espożizzjoni, barka jew kwaranturi u li fl-aħħar taċ-ċerimonja kienet titpoġġa ġewwa t-tabernaklu.

Il-marki tal-fidda joffru xi ftit ta' enigma minħabba li ġew xi ftit imħassra bit-tindif. U mhux biss. Naraw fuqha żewġ marki tal-finezza tal-fidda, dik **M** (10 ½ Deniers) u dik **F** (11 ½ Deniers) li n-naħa ta' fuq tat-tnejn li huma sfortunatament huma mħassra bit-tindif. Jidher xi ftit ċar ukoll il-boll tal-arġentier bil-marki **GC** li jistgħu jkunu ta' xejn inqas minn sitt arġentiera li huma: Giuseppe Caruana (li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-



1749), Giuseppe Cousin (1779), Gaetano Cauchi (1805), Giuseppe Cremona (1810), Giuseppe Cauchi (1850) u Giovanni Carabez (1872). Stilistikament ma tantx tista' tgħid wisq fuqha biex taqbad il-perjodu/data, għax bosta minn dawn il-kaxxi ssibhom sempliċement f'kull perjodu li qed nitkellmu fuqhom.

F'bosta ċerimonji fil-knisja jintuża l-ilma mbierek u l-fratellanza għal dan il-għan, għandha kemm l-Aspergis kif ukoll is-Sasla. M'humiex sett u dan juri li jew kien hemm oħrajn tal-fidda li għal xi raġuni kienu mibdula jew, aktar probabbli, li ta' qabilhom kienu tar-ramm u ġew mibdula għal dawn tal-fidda permezz ta' donazzjonijiet minn żewġ fratelli f'temp ta' anqas minn għaxar snin. L-Aspergis ġie mogħti l-ewwel mill-viċi Rettur tal-fratellanza fl-1795. Fuq il-manku ħessagonali tiegħu insibu din l-iskrizzjoni inċiża:

**Joannis Fenech Pro Rector dedit anno 1795**

Il-boċċa tiżżarma permezz ta' skorfina dekorata biex fiha titpoġġa biċċa sponża li meta l-Aspergis jitniżżel fis-Sasla, din l-isponża timtela' bl-ilma mbierek li jidħol minn għadd ta' toqob żgħar li jiffurmaw għadd ta' disinji fuq il-boċċa tal-fidda. Hemm marka tal-arġentier pjuttost imħassra fuq iċ-ċirku li minnu jista' jiġi mdendel l-Aspergis li hija forma ta'annimal miexi fuq erba' saqajn li kienet il-marka tal-anqas tnejn mis-sitt arġentiera mill-familja Troisi, li jidher l-ewwel ma użaha kien Massimiliano (liċenzjat fl-1721). Dan l-Asperges huwa aktarx ta' Francesco Troisi (1755). Hemm inizjali oħra inċisi li huma **G. F.** li s-sinifikat tagħhom mhuwiex ċar.

Is-Sasla hija wkoll tal-fidda imma l-marki huma wisq imħassra. Fiha parenza b'għamla tonda forma ta' satal żgħir bil-manku tond. Minn fuq



ras ta' żewġ puttini, mas-Sasla jaqbad dan il-manku li fin-nofs tiegħu għandu boċċa u ħolqa minn fejn l-abbati jew fratell seta' jżomm din is-Sasla. In-nofs t'isfel taż-żaqq tas-Sasla huwa ffaċettjat għat-tond u fis-sieq hemm gost komplimentali, sempliċi forma ta' linji orizzontali u fix-xifer hemm din l-iskrizzjoni li tfakkar l-għotja mingħand ir-Rettur tal-fratellanza fis-sena 1804:

**Xaverius Micallef rector .S.M. Dedit anno 1804**

Ħasra li l-marki ma jidhru xejn. Stilistikament, din is-Sasla hija sempliċi u tiddetta ideat ristretti tal-bidu tas-seklu dsatax. Din is-Sasla hija l-unika biċċa fidda li rajna din is-sena li saret fis-seklu dsatax.

Xi ħadd, li sa issa mhux magħruf, taha lil din il-fratellanza, kurċifiss u salib fuq pedestall kollu tal-fidda. Dan it-tip ta' salib, li soltu ssibu bil-kurċifiss, l-I.N.R.I., finimenti, is-simbolu tal-mewt eċċ. tal-fidda fuq injam eżotiku, kienu popolari ħafna mas-sinjuri madwar l-Ewropa speċjalment fis-seklu dsatax. Interessanti huwa l-fatt li dan mhuwiex xogħol Malti imma huwa xogħol minn Ruma, l-Italja, peress li għandu l-marka ta' Ruma hekk imsejħa tal-*Ombrellone* tal-aħħar nofs tas-seklu dsatax. Fil-knejjes Maltin issib numru ta' affarijiet tal-fidda b'din il-marka, l-aktar kalċijiet.

Dan it-tip ta' salib huwa domestiku u kien jinżamm fil-kamra tas-sodda tas-sid tad-dar bejn żewġ gandlieri bix-xemgħa u terħa taħthom jew fil-kaxxun tal-komodina jew tal-gradenza fuq xiex dawn kienu jkunu armati. Kienu jkunu dejjem lesti għall-użu tagħhom proprju - is-siegħa tal-mewt ta' persuna fid-dar, meta l-qassis jew il-patri kien iżur il-moribond u jamministralu l-aħħar sagramenti. Matul ħajtu, għas-sid u l-familja tiegħu, dan is-salib armat kif spjegajt aktar 'l fuq, kien iservi ta' twissija fuq l-aħħar mument ta' ħajjet il-bniedem u li l-mewt tista' tiġi fuqek għall-għarrieda u bħas-salib dejjem armat, wieħed kellu dejjem ikun lest għall-aħħar mument ta' ħajtu.

Dawk li ma setgħux jixtru salib rikk bil-kurċifiss tal-fidda, kienu jixtru wieħed tar-ramm, ġieli

bbanjat bil-fidda ghal dan l-iskop u b'hekk tista' tgħid li l-ebda familja ma kienx ikollha kurċifiss id-dar. Minħabba dan u l-imħabba lejn is-salib u l-kurċifiss, għadna nsibu numru mhux ħażin ta' slaleb sbieħ ta' dan it-tip li fis-sekli sbatax u tmintax kienu jsiru minn numru ta' materjali rikki bħalma huwa: alabastru, *tartaruga, madre perla*, injam eżotiku bħal abbanu, ambra, deheb, fidda u rħam. Din is-sena, il-fratellanza sejra torganizza eżebizzjoni ta' kurċifissi fin-Notte Bianca ġewwa l-intrata tal-kunvent.





L-għata tal-fidda tal-missal tal-fratellanza mhuwiex xi wieħed antik ħafna. Fl-1 ta' Diċembru 1920, Malta bdiet tintuża marka ġdida mill-assay b'salib ta' Malta f'ċirku żgħir li taħtu ikun jidher numru. Fil-każ tagħna tal-għata tal-missal, dan in-numru huwa 917 li juri l-ammont ta' fidda pura minn 1000 parti tal-kompożizzjoni totali ta' l-oġġett tal-fidda. Din is-sistema, imsejħa *millims* kienet issostitwiet dik tad-*diniers* u għadha użata sal-lum, biss id-daqs tas-salib u l-bordura tiegħu inbidlu tliet darbiet fis-snin 1964, 1974 u fl-1982 u għalhekk nafu li din l-għata saret bejn l-1920 u l-1964.

Imma data oħra tgħinna nqassru dan il-perjodu ta' żmien. Il-missal bil-Latin li din l-għata tgħatti, kien ġie mibjugħ il-Belġju fl-1935 u wieħed għalhekk jiġi għall-konklużjoni li din l-għata saret wara l-1935 u għalhekk setgħet saret f'perjodu ta' ftit anqas minn tletin sena bejn l-1935 u l-1964. Il-marka tal-arġentier mhijiex ċara għax ma ġietx immarkata sew. Tista' tkun **C. E.** għal Emmanuele Camilleri (liċenzjat fl-1909) jew **C.F.** ta' Francesco Cassar (liċenzjat fl-1924), b'dan tal-aħħar l-aktar probabbli. Fuq quddiem tidher xbieha tal-Madonna bil-Bambin bil-labtu u fuq wara l-arma tal-Karmnu. Il-kumplament tad-dekorazzjoni hi l-istess kemm quddiem u kemm wara b'għadd ta' fjuri u weraq u disinji linjari.

Bdejt dan l-artiklu b'sorpriża u ser nispiċċah b'oħra, permezz ta' żewġ lampieri żgħar tal-fidda tal-oratorju ta' din il-fratellanza. Huma spirati mil-lampieri bi stil Barokk Malti tas-seklu tmintax, imma bid-differenza li huma magħmulin għax-xemgħa u mhux għat-tazza taż-żejt. Huma jiddendlu minn tlett ktajjen kompluti 'bl-istilel' f'nofshom idendlu dawn il-lampieri minn tliet weraq kbar magħqudin maż-żaqq tiegħu. Hawn minn jgħid li dawn 'l-istilel', li bosta drabi kienu jkunu forma tas-simbolu ta' xi qaddis eċċ., kienu jsiru biex ikun hemm aktar riflessjoni taż-żejt/xemgħa mixgħulha 'l isfel fil-lampier proprju. Bejn dawn il-weraq hemm tliet skudetti tondi, waħda bil monogramma IHS, oħra bl-arma tal-Karmnu u l-oħra in-*Nome di Maria*. Ix-xogħol huwa kollu żbalzat għajr l-armi li huma inċiżi. Sa hawn kollox normali. Is-sorpriża hi fost il-ħames marki tal-fidda. Tlieta

huma ta' Malta, dik bis-salib ta' Malta f'ċirku tond, in-numru 917, li kif rajna aktar 'l fuq, juri l-finezza tal-fidda u C.PIROTTA. Carmelo Pirotta li kien arġentier li ħa l-liċenzja tiegħu fl-1923 u sar konslu tal-arġentiera u ta' dawk li jaħdmu id-deheb fl-1958 u din il-marka hija tiegħu bħala Konslu li turi li dan il-lampier sar bejn l-1958 u l-1961 meta sar l-arġentier Joseph Azzopardi. Imma ż-żewg marki oħra huma Ingliżi li juru li saru f'Birmingham (simbolu tal-ankra) u l-ittra 'a' f'bordura partikolari li turi s-sena 1900-1901. Dawn is-sett ta' marki jinstabu fuq żewġ biċċiet ta' dawn iż-żewġ lampieri. Li kien fidda b'purezza ta' fidda kif jintuża fl-Ingilterra, wieħed kien isib dak li jissejaħ *Lion Passant* li juri li l-fidda hija *Sterling* ta' 925 purezza minn



1000 *millims*. X'ġara hawn, b'dawn il-lampieri, li kemm l-użu u l-istil mhuma xejn Ingliżi, pjuttost diffiċli tgħid, ħlief li kienet sorpriża!







Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla, naraw fided oħra fosthom dawk proċessjonali u biċċtejn fidda li fihom infushom huma dokument tal-istorja ta' Malta.